**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 144/2022 RM**

**S. Mifsud & Sons Limited (C 341)**

**-Vs-**

**Customs and Freight Agency Limited**
**(C 17475)**

**Illum, 29 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru mis-soċjeta' S. Mifsud & Sons Limited (C 341) fl-14 ta' Lulju 2022 fejn talbet illi s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited tiġi kkundannata tħallasha għas-servizz ta' trasport bil-vapur fejn ġarret ix-xogħol tal-istess soċjeta' konvenuta, fl-ammont ta disat elef, disa' mija u disgħa u disgħin Euro u disgħa u disgħin ċentemżu (€9,999.99).

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Customs and Freight Agency Limited fir-Reġsitru fis-6 ta' Settembru 2022, fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi, fl-ewwel lok it-talba tas-soċjeta attriċi hija waħda preskritta ai termini tal-Artikolu 2147(d) tal-Kap 16;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat f'din il-kawża u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta;*

2. *Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-ammont pretiż ma huwiex dovut fl-intier tiegħu stante li s-soċjeta rikorrenti talbet ħlas għas-servizzi tagħha b'rata iktar ogħla minn dik miftiehma bejn il-partijiet;*

3. *Illi, s-servizzi li għalihom hemm referenza fl-avviż kienu twaqqfu ħesrem mis-soċjeta rikorrenti, liema azzjoni ikkaġunat dannu lis-soċjeta konvenuta tinkariga terzi sabiex jipprovdu dawn l-istess servizzi iżda b'rata iktar ogħla minn dik tas-soċjeta rikorrenti u li b'hekk is-soċjeta konvenuta ser titlob dawn id-danni f'rikonvenzjoni;*

4. *Salv eċċezjonijiet ulterjuri.*

Rat illi s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited ipprevalixxiet ruħha mid-dritt li tressaq talba rikonvenzjonali kontestwalment mar-Risposta tagħha, fejn ġie premess u mitlub:-

1. *Illi, s-soċjeta rikorrenti kienet tipprovdi servizz ta' ġarr lis-soċjeta' rikonvenzjonanti b'rata mifthiema bejniethom;*

2. *Illi, s-soċjeta' rikorrenti unilteralment għażlet illi ma żżommx mal-ftehim pattwit u titlob ħlasijiet ferm ogħla;*

3. *Illi, in oltre, is-soċjeta rikorrenti qabdet u waqfet tipprovdi s-servizz lill-esponenti mingħajr l-ebda preavviż u għaldaqstant sabiex l-esponenti tkun tista' tonora obbligi kkuntrattati mal-klijenti tagħha, kellha tinkariga lil terzi sabiex jipprovdulha s-servizz li kienet qiegħda tipprovdilha s-soċjeta rikorrenti, li ġew jiswew ferm iktar mir-rata tas-soċjeta rikorrenti, li s-soċjeta' rikonvenzjonanti kienet diga' kkwotat lill-klijenti tagħha u għaldaqstant spiċċat għamlet telef fl-ammont ta' €8,500;*

4. *Illi, s-soċjeta' rikorrenti intalbet diversi drabi sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu ikkawżat lis-soċjeta' rikonvenzjonanti, iżda din baqgħet inadempjenti;*

*Tgħid għalhekk, is-soċjeta' rikonvenzjonata, għaliex ma għandhiex tħallas lis-soċjeta' rikonvenzjonanti l-ammont ta' €8,500 flimkien mal-imgħax relattiv dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, u bis-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata inġunta minn issa in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata, ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2022 fejn eċċepiet:-

1. *Illi huwa minnu li r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet tipprovdi servizz ta' garr lill-intimata rikonvenzjonata;*

2. *Illi mhux minnu li r-rikorrenti unilateralment ghazlet li ma zzomx mal ftehim patwit u talbet hlasijiet ferm ghola kif ser jigi ppruvat u dan peress li l-armatur li huwa terz rapprezentat mir-rikorrenti waqaf jopera – izda ma kien hemm ebda ftehim patwit jew talba ghal hlasijiet ghola;*

3. *Illi mhux minnu li r-rikorrenti waqfet tipprovdi s-servizz minghajr pre avviz – illi kif jigri fi kwalunkwe negozju terz waqaf jopera u saru n-notifiki immedjatament kif dawn saru maghrufa lir-rikorrenti;*

4. *Illi r-rikorrenti ma jistghux ikunu responsabbli ghal hlasijiet li l-intimat tinkorri ghax gew ingagati terzi, u jekk ikwotat prezzijiet lil klijenti taghha kellha d-dmir li tiehu passi prekawzjonali inkluz li tikkawtela l-posizzjoni taghha li kull prezz huwa skond l-kundizzjonijiet tal-gurnata li hija prassi ben segwita u accetata;*

5. *Illi ma hemm ebda ammont dovut mir-rikorrenti u jinkombi fuq l-intimat li taghmel tali prova.*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi topera fil-qasam tat-trasport internazzjonali, fost oqsma oħrajn, fejn taġixxi bħala aġent ta' kumpanniji esteri li jipprovdu servizzi ta' ġarr ta' merkanzija bil-baħar, prinċipalment mill-Italja lejn Malta. Bħala aġent lokali tas-soċjeta' estera Tirrenia Naviganzio S.p.A., kienet tieħu ħsieb torganizza t-trasport stradali u bil-baħar ta' merkanzija biex din fl-aħħar mill-aħħar tinġieb lejn Malta skont l-esiġenzi tal-klienti tagħha. Is-soċjeta' konvenuta kienet klient stabbilit u regolari tagħha u kienet torganizzalha l-ġarr tat-trailers bejn Catania u Malta tramite l-linja Tirrenia. Kellhom relazzjoni professjonali tajba tant illi jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet ikkonċeditilha faċilitajiet ta' kreditu għall-ħlas tas-servizzi lilha prestati u kienu nnegozjaw ukoll rati speċjali għall-ġarr ta' merkanzija differenti.

Is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ li baqa' pendenti mis-somma globali ta' €14,999.99 allegatament dovut fuq diversi *invoices* li nħarġu għal servizzi ta' trasport prestati lis-soċjeta' konvenuta mit-28 ta' Diċembru 2020 'l quddiem. Skont kif jirriżulta mill-i*statement* datat 11 ta' Lulju 2022, l-uniku pagament effettwat mis-soċjeta' konvenuta akkont tal-ammont akkumulat, sar fit-28 ta' Jannar 2022 fis-somma ta' €5,000 biex b'hekk il-bilanċ li baqa' mhux imħallas hu fis-somma ta' €9,999.99.

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tagħha, is-soċjeta' konvenuta qanqlet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 2147(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema preskrizzjoni ġġib l-estinzjoni tal-azzjoni b'gheluq ta' sena fil-kaz ta':-

"*l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631, għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom*."

Jinsab paċifikatament ritenut[1] illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid tezamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha għandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiża ai termini tal-artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk ikun iddekorra, ġiex interrott għal motiv dedott mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eċċezzjoni.

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli għall-azzjoni, m'huwiex kompitu tagħha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, għaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[2]. In-natura odjuza tal-eċċezzjoni tesiġi wkoll li tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, ghandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi hu evidenti mill-atti u mill-provi illi l-kreditu tas-soċjeta' attriċi ġej mill-operazzjonijiet kummerċjali tagħha bħala aġent ta' *shipping line* esteru, Tirrenia Navigazioni S.p.A., li tipprovdi servizzi ta' trasport ta' merkanzija bil-baħar. Is-soċjeta' konvenuta, li l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha jinkludu l-organizzazzjoni tal-ġarr ta' merkanzija tal-klienti tagħha mill-esteru lejn Malta, tuża s-servizzi tal-prinċipal tas-soċjeta' attriċi għall-ġarr bil-baħar tal-merkanzija bejn Catania u Malta.

---

[1] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.

[2] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.

Mill-atti u l-provi proċesswali jirriżulta illi l-kreditu pretiż mis-soċjeta' attriċi jikkonsisti sewwasew fil-prezz tas-servizz tal-ġarr bil-baħar minn Catania lejn Malta, ta' diversi konsenji ta' merkanzija fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta u l-prezz tas-servizz tal-aġent lokali. Għalhekk, mad-daqqa t'għajn jidher li l-azzjoni odjerna tiffigura fil-parametri tal-artikolu 2147(d) tal-Kap. 16 bħala azzjoni għall-ħlas tal-kirjiet tal-vettural bil-baħar. Madankollu, biex il-preskrizzjoni eċċepita taħt l-imsemmi artikolu 2147(d) tkun opponibbli għall-azzjoni proposta, din id-dispożizzjoni legali teħtieġ ukoll li l-vettural bil-baħar u l-kera jew paga li jkun qed jintalab ħlas dwarhom, ikunu dawk imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631 tal-Kodiċi Ċivili. Kif diġa' ġie stabbilit u kif jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Kevin Attard, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, is-servizzi li dwarhom qed jintalab il-ħlas fid-diversi *invoices* elenkati fl-i*statement of account* datat 11 ta' Lulju 2022, ingħataw għall-ġarr bil-baħar ta' merkanzija bejn Catania u Malta u mhux ġewwa l-limiti ta' Malta stess.

L-artikolu 1631 jiddisponi:-

*"Il-ġarr bil-baħar imsemmi f'dan il-Kodiċi, hu dak li jsir, fuq kull dgħajsa jew biċċa oħra tal-baħar, ġewwa l-limiti ta' Malta, jiġifieri: minn gżira għall-oħra, jew min-naħa għal oħra tal-istess gżira."*

Għaldaqstant, il-preskrizzjoni msemmija fil-paragrafu (d) tal-artikolu 2147 tal-Kap. 16 m'hijiex opponibbli għall-azzjoni odjerna li hija kif stabbilit, azzjoni għall-ħlas ta' kreditu dovut fuq servizz ta' ġarr bil-baħar bejn l-Italja u Malta.

Il-Qorti tista' għalhekk tieqaf hawn fl-indaġni tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni - għalkemm għandu jingħad ukoll illi fi kwalsiasi każ, il-preskrizzjoni eċċepita ma jistax ikollha effett għaliex is-soċjeta' konvenuta evidentement naqset milli timxi skont id-dispost tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16. Fil-fatt, la d-direttur Kevin Attard u lanqas rappreżentant ieħor tas-soċjeta' konvenuta ma ddikjara minn jeddu waqt il-kawża li m'huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi s-soċjeta' konvenuta ma tikkontestax illi s-servizzi li dwarhom qed jintalab il-ħlas tal-ammonti dovuti skont l-*invoices* elenkati fl-i*statement of account* datat 11 ta' Lulju 2022, ġew tassew ipprestati u lanqas m'hu qed jiġi allegat minnha li dawn is-servizzi ma twettqux skont l-istruzzjonijiet mogħtija[3]. Fil-fatt, Kevin Attard id-direttur tas-soċjeta' konvenuta aċċetta espressament fix-xhieda tiegħu[4] illi s-servizz ta' trasport tal-merkanzija li dwaru qed jintalab il-ħlas mis-soċjeta' atttriċi, ingħata u x-xogħol kien ġie konsenjat.

Fir-risposta tagħha, is-soċjeta' konvenuta tisħaq li l-ħlas mhux dovut għaliex ir-rati li qed tintalab tħallas għas-servizzi reżi, huma ogħla mir-rati miftiehma bejniethom għall-ġarr ta' ċertu merkanzija. Fir-rigward, Kevin Attard xehed illi kien ġie negozjat rata speċjali mas-soċjeta' attriċi għall-ġarr bil-baħar ta' ċertu merkanzija bl-użu tas-servizzi tal-kumpannija Tirrenia, iżda mill-2017 'il quddiem, fil-fatturi maħruġa mis-soċjeta' attriċi bdew jiġu applikati rati żbaljati u ogħla li ma kienux konformi mar-rati speċjali li kienu ġew negozjati u li kellhom jiġu applikati għal dawn is-servizzi. Xehed ukoll illi huwa jaf li l-prezzijiet li kienu qed jintalbu kienu ogħla għaliex seta' jqabbilhom mal-lista tal-prezzijiet maħruġa mis-soċjeta' attriċi li abbażi tagħha kienu jagħtu stima lill-klienti. Iżda minkejja dan, ma kienx ġibed l-attenzjoni tas-soċjeta' attriċi għal din l-anomalija minħabba diversi żviluppi li kienu qed iseħħu fis-soċjeta' konvenuta dak iż-żmien, u l-ewwel darba li kien għarrafha dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tar-rata speċjali miftiehma, kien f'email li ntbagħtet lil Paul Agius fl-1 ta' Lulju 2021.

Skont is-soċjeta' konvenuta, il-prezzijiet għas-servizz ta' ġarr ta' merkanzija bejn Catania u Malta li kellhom jiġu applikati mis-soċjeta' attriċi bħala aġent tal-linja Tirrenia huma dawk indikati fil-lista Dok. RP2 ('*Agreed Rates SMS*') liema lista hija

[3] Meta ġie mistoqsi jekk ix-xogħol li dwaru qed jintalab il-ħlas kien ġie konsenjat, Kevin Attard xehed hekk: "*U żgur, ovvjament, ħarġet id-delivery order u x-xogħol ġie konsenjat.*" Xhieda tas-6 ta' Marzu 2023.
[4] Xhieda tas-6 ta' Marzu 2023.

tisħaq li kienet l-iktar waħda riċenti u kienet tapplika għas-servizzi li jinsabu fil-mira tat-talba tas-soċjeta' attriċi f'din il-kawża.

Is-soċjeta' attriċi taqbel li kien hemm ftehim li jiġu applikati rati speċjali negozjati speċifikatament mas-soċjeta' konvenuta għas-servizzi prestati lilha għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar tramite s-soċjeta' estera rappreżentata minnha lokalment, Tirrenia Navigazione S.p.A. f'Malta. Taqbel[5] ukoll illi dawn ir-rati jinsabu elenkati fil-lista esebita mis-soċjeta' konvenuta Dok. RP2 ('*Agreed Rates SMS*').

Il-Qorti fliet it-tliet fatturi (Dok. RP3, Dok. RP4 u Dok. RP5) esebiti mis-soċjeta' konvenuta in sostenn tat-teżi tagħha li s-soċjeta' attriċi applikat rati ogħla minn dawk miftiehma, iżda diversament minn dan li ġie asserit, jidher li r-rati applikati fit-tliet fatturi għall-ġarr ta' trailer bejn Catania u Malta m'humiex ogħla iżda huma ferm inqas minn dawk indikati fil-lista Dok. RP2, liema rati jeskludu VAT. Barra dan il-fatt illi dawn it-tliet fatturi evidentement m'humiex fost dawk li s-soċjeta' attriċi qed tirreklama l-ħlas tagħhom f'din il-kawża għaliex ilkoll jirrisalu għas-sena 2017 metri l-*invoices* li baqgħu mhux imħallsin jirriferu għal servizzi reżi fil-periojdu 28 ta' Diċembru 2020 sa 3 ta' Marzu 2021.

Fil-fatt, għall-Qorti, huwa ftit spjegabbli kif minkejja li s-soċjeta' konvenuta kienet ilha taf mill-2017 li s-soċjeta' attriċi kienet qed tapplika fl-*invoices*, rati ogħla minn dawk miftiehma, hija baqgħet tħallas dawn ir-rati ogħla fuq medda ta' tliet snin sħaħ mingħajr oġġezzjoni. Tistqarr hi stess illi kien biss fl-1 ta' Lulju 2021 (Dok. RP. 6) li ġibdet l-attenzjoni tas-soċjeta' attriċi għall-allegat anomalija fil-prezzijiet għalkemm, għandu jingħad ukoll, l-ilment tagħha jidher li kien marbut unikament mar-rati miftiehma fuq il-ġarr ta' merkanzija ta' ilma minerali tad-ditta Nestle.

Il-Qorti tistenna illi kieku s-soċjeta' konvenuta, li wara kollox qanqlet il-preġudizzjali li l-prezzijiet li qed tintalab titħallas m'humiex dawk maqbula bejn il-partijiet fil-lista Dok. RP2, riedet tissostanzja b'mod serju u kif imiss din l-asserzjoni tagħha, kienet

[5] Ara xhieda ta' Paul Agius, 4 ta' Ottubru 2023.

tipproduċi l-fatturi individwali in kontestazzjoni f'din il-kawża, u tidentifika hija stess l-allegat diskrepanza bejn ir-rati applikati fl-*invoices* u dawk miftiehma skont il-lista Dok. RP2, u mhux tistrieħ fuq fatturi li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza li għandha quddiemha l-Qorti. Tqis, speċifikatament, illi wara li s-soċjeta' konvenuta affermat li s-servizzi li dwarhom qed jintalab il-ħlas, ġew fil-fatt reżi, l-oneru tal-prova li l-ammont reklamat mhux dovut, jinkombi, fiċ-ċirkostanzi, lilha biss. Iżda minkejja dan, baqgħet ma ressqet lanqas l-iktar provi bażilari li kienet mistennija tressaq kieku tassew riedet turi xi xejra ta' serjeta' f'din il-linja difensjonali tagħha.

Mhux hekk biss, talli Paul Agius fix-xhieda tiegħu[6] afferma illi l-*invoices* li baqgħu ma tħallsux, fis-somma globali ta' €9,999, inħadmu bl-applikazzjoni tar-rati indikati fil-lista Dok. RP2 esebita mis-soċjeta' konvenuta nnifisha u dan wara li qabbel huwa stess l-*invoices* individwali mal-lista tar-rati. Huwa ċaħad illi li s-soċjeta' konvenuta qed tintalab tħallas prezzijiet ogħla minn dawk miftiehma u din ix-xhieda qatt ma ġiet kontradetta mis-soċjeta' konvenuta.

B'żieda ma' dan għandu jingħad illi kif jirriżulta mix-xhieda ta' Kevin Attard u minn eżami tal-iskambju ta' korrispondenza Dok. RP6, ir-rati speċjali maqbula kienu applikabbli fuq ġarr ta' konsenji ta' ilma tad-ditta Nestle u mhux fuq kull konsenja kwalsiasi. Dan premess, il-Qorti tqis li s-soċjeta' konvenuta naqset b'mod assolut milli turi li l-fatturi li l-ħlas tagħhom qed jiġi reklamat fir-Rikors, kienu nħarġu fuq konsenji ta' ilma minerali tad-ditta Nestle li dwarhom qed jiġi allegat li kien hemm ftehim dwar rati applikabbli, u hija mankanti fl-atti anke l-prova bażika tal-fatturi individwali b'indikazzjoni tax-xorta tal-merkanzija, ir-rotta tal-ġarr, kif ukoll ir-rati li ġew applikati, biex tista' tqabbilhom mar-rati differenti indikati fil-lista Dok. RP2 u fl-*email* ta' Roberto Pastorello f'isem il-kumpannija Tirrenia.

B'riferenza speċifika għar-rati indikati fl-*email* ta' Roberto Pastorello mibgħut fl-14 ta' Diċembru 2017 (Dok. RP1), Kevin Attard xehed[7] illi dawn ir-rati kellhom

---

[6] Xhieda tal-4 ta' Ottubru 2023.
[7] Xhieda tat-8 ta' Novembru 2023.

japplikaw għall-konsenji ordnati mis-soċjeta' konvenuta iżda ma hemm xejn fil-korrispondenza nnifisha li jindika li dan kien indirizzat lis-soċjeta' konvenuta jew applikabbli għall-konsenji tagħha u fuq kollox, il-konsenji kontestati, mertu tal-kawża, saru fl-2021 filwaqt li r-rati li tagħmel riferenza għalihom ġew kwotati fl-2017 mingħajr ebda prova li kienu applikabbli wkoll tliet snin wara. Barra dan, hu evidenti li r-rati elenkati f'Dok. RP2 kellhom jinkludu wkoll il-prezz tas-servizz tas-soċjeta' attriċi bħala aġent ('*Agreed Rates SMS*').

Mingħajr il-prova ta' kull fattura individwali minn dawk elenkati fl-i*statement of account* datat 11 ta' Lulju 2022, il-Qorti ma tistax lanqas tidentifika jekk il-fatturi relattivi nħarġux fuq konsenja waħda jew iktar. Għall-Qorti, din il-prova kienet indispensabbli għas-suċċess tal-kontenzjoni tas-soċjeta' konvenuta, *multo magis* meta Paul Agius, rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, saħaq illi għalkemm tassew kien ġie negozjat prezz speċifiku mas-soċjeta' konvenuta għall-ġarr ta' merkanzija konsistenti f'ilma minerali tad-ditta Nestle, is-soċjeta' attriċi qatt ma ġiet mitluba torganizza l-ġarr ta' trailers għall-ġarr ta' din il-merkanzija partikolari.

Is-soċjeta' konvenuta esebiet ukoll email mibgħut minn Paul Agius fis-16 ta' April 2020 (Dok. RP7) bi stima ta' rata speċjali applikabbli esklussivament fuq ġarr ta' merkanzija konsistenti f'*recyclable rubber tyres*. Madanakollu, il-prova illi l-*invoices* mhux imħallsin jirriferu għall-ġarr ta' materjal, hi mankanti, filwaqt li Paul Agius fix-xhieda tiegħu ċaħad illi s-soċjeta' konvenuta qatt talbet għall-ġarr ta' materjal riċiklat.

Kevin Attard saħaq ulterjorment fix-xhieda tiegħu[8] illi kien intlaħaq arranġament mad-direttur kummerċjali tal-kumpannija Tirrennia biex jingħata kreditu konsistenti f'persentaġġ fuq ir-rati tat-trailers li jitilqu vojta minn Malta. Xehed illi madanakollu, dan il-ftehim ma ġiex onorat u dawn l-ammonti baqgħu qatt ma ġew akkreditati kontra dak li kien dovut lilha għas-servizz tal-ġarr tal-merkanzija.

[8] Xhieda tas-6 ta' Marzu 2023.

Il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid dwar din l-asserzjoni. Minn kliem Kevin Attard innifsu, l-arranġament kien intlaħaq direttament mad-direttur kummerċjali tas-soċjeta' estera mingħajr ebda prova li dan il-ftehim kien wieħed li kien jorbot lis-soċjeta' attriċi. Barra dan il-fatt illi ma nġiebet ebda prova tal-ftehim li allegatament intlaħaq dwar il-kreditu li kellu jiġi applikat fuq l-ammonti dovuti mis-soċjeta' konvenuta għas-servizzi tal-ġarr tal-merkanzija reżi fuq inkarigu tagħha: la ġie mressaq biex jixhed fir-rigward id-direttur kummerjċali tas-soċjeta' Tirrenia Navigazione S.p.A., u lanqas ġie prodott dokument jew korrispondenza li juru li kien hemm ftehim bħal dak fis-seħħ. Iżda fuq kollox, l-atti proċesswali huma kompletament sajma minn kwalsiasi prova dwar l-ammont tal-kreditu vantat mis-soċjeta' konvenuta, f'hiex jikkonsisti u kif inħadem, u s-soċjeta' konvenuta naqset ukoll milli tikkwantifika dan il-kreditu li tasserixxi għandu jiġi mnaqqas mill-ammont dovut minnha fuq il-fatturi li baqgħu mhux imħallsin.

Għalhekk, kollox magħdud, il-Qorti tqis li t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-ammont bilanċjali fis-somma ta' €9,999.99 dovut fuq servizzi ta' ġarr ta' merkanzija fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta, hi mistħoqqa u għandha tiġi milqugħa għaliex mhux biss hemm qbil li s-servizzi ingħataw kif mitlub, iżda wkoll għaliex ma ġie riskontrat ebda prova dwar xi allegat anomalija bejn il-prezzijiet mitluba u dawk miftiehma bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi ġie ppruvat li hu dovut u għandu jitħallas mis-soċjeta' konvenuta fl-intier tiegħu, imiss li tiġi mistħarrġa t-talba rikonvenzjonali mqanqla mis-soċjeta' konvenuta a tenur tal-artikolu 396 tal-Kap. 12.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi meta b'mod ħesrem il-linja Tirrennia, rappreżentata mis-soċjeta' attriċi, waqfet topera r-rotta lejn Malta, hi sofriet id-danni. Dan għaliex ma setgħetx issib fornitur ieħor tas-servizz ta' ġarr bil-baħar bejn Catania

u Malta li kien joffri rati kompetittivi daqs ir-rati li kienu miftiehmin mas-soċjeta' attriċi bħala aġent tal-linja Tirrenia.

Kevin Attard, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, xehed illi l-kumpannija kienet kostretta tuża s-servizzi tal-aġent kompetitur tas-soċjeta' attriċi, li jirrappreżenta l-linja Grimaldi, li kien l-uniku fornitur ta' servizz ta' ġarr ta' merkanzija bil-baħar bejn Catania u Malta. Konsegwentement, għall-istess servizz kellha tħallas prezzijiet ogħla minn dawk ir-rati li kienu jiġu applikati mis-soċjeta' attriċi bħala aġent tal-linja Tirrenia, filwaqt li kellha wkoll tibqa' tonora l-obbligi tagħha lejn il-klienti li kienet diġa' kuntrattat magħhom dwar ġarr ta' merkanzija qabel ġie mwaqqaf is-servizz provdut mis-soċjeta' attriċi. Sostna li l-kumpannija sofriet telf fuq in-negozju ta' dawk il-klienti li kienet diġa' kkuntrattat magħhom abbażi tar-rati vantaġġużi offruti mis-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' konvenuta talbet b'rikonvenzjoni il-ħlas ta' danni fis-somma ta' €8,500, rappreżentanti t-telf soffert b'kaġun tal-egħmil tas-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' attriċi taqbel illi meta s-soċjeta' Tirrenia Navigazione S.p.A. sospendiet is-servizzi tagħha lejn Malta, hija kellha twaqqaf l-operat tagħha fin-negozju tal-ġarr ta' merkanzija bil-baħar bejn Malta u l-Italja, iżda tikkontesta l-allegazzjoni tas-soċjeta' konvenuta illi s-servizz ġie mwaqqaf mingħajr pre-avviż.

Paul Agius fix-xhieda tiegħu[9] fisser ukoll illi għalkemm is-servizz li qabel kien offrut minn Tirrenia beda jiġi offrut minn kumpannija oħra, Grandi Navi Veloci (GNV) biex is-servizz tal-ġarr ta' merkanzija bil-baħar ma jkunx monopolizzat mill-kumpannija Grimaldi rappreżentata minn Sullivan Maritime Limited, is-soċjeta' attriċi ma kienetx tirrappreżenta lil GNV li f'Malta huma rappreżentati minn Gollcher. Tisħaq għalhekk illi meta s-soċjeta' Tirrenia Navigazione S.p.A. sospendiet is-servizzi tagħha lejn Malta, is-soċjeta' konvenuta xorta waħda kellha għażla bejn żewġ fornituri tas-servizz

[9] Xhieda tas-6 ta' Marzu 2023, u tat-8 ta' Novembru 2023.

ta' ġarr tal-merkanzija bil-baħar u mhux minnu li kienet kostretta tibda tuża biss is-servizzi tal-kumpannija Grimaldi rappreżentata minn Sullivan Maritime Limited.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi filwaqt li kien hemm evidentement relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, ma jirriżultax li kien hemm fis-seħħ xi obbligu kuntrattwali li kien jorbot lis-soċjeta' attriċi jew lill-prinċipal tagħha, is-soċjeta' estera Tirrenia Navigazione S.p.A., li jipprovdu servizzi għall-ġarr bil-baħar tal-merkanzija tal-klienti tas-soċjeta' konvenuta ta' merkanzija għal żmien definit jew indefinit. L-uniku ftehim li huwa identifikabbli mill-provi proċesswali hu l-ftehim dwar ir-rati li kellhom jiġu applikati għall-ġarr bil-baħar bejn l-Italja u Malta tat-trailers tas-soċjeta' konvenuta. Iżda għall-bqija, ma nġiebu ebda provi li s-soċjeta' attriċi kienet marbuta tipprovdi dan is-servizz u li kisret xi obbligu kuntrattwali meta ma baqgħetx iktar taġixxi ta' aġent ta' Tirrenia Nagivazioni S.p.A. Fil-fatt, jidher li mhux kontestat illi dan seħħ minħabba raġunijiet estraneji għas-soċjeta' attriċi u d-deċiżjoni li twaqqaf is-servizz lejn Malta kienet unikament tas-soċjeta' estera.

Għaldaqstant, billi ma ġie riskontrat ebda obbligu kuntrattwali għall-fornitura tas-servizz lis-soċjeta' konvenuta, l-azzjoni rikonvenzjonali msejsa fuq ksur ta' obbligu kuntrattwali ma tistax tirnexxi.

Sejjer għalhekk jiġi mistħarreġ jekk l-azzjoni bħala waħda fondata fuq responsabblita' akwiljana hijiex tajba. Iżda biex azzjoni bħal din ikollha suċċess irid jiġi ppruvat li l-imħarrek, f'dan l-każ is-soċjeta' attriċi, jaħtix għal xi fatt illeċitu li minħabba fih is-soċjeta' konvenuta ġarrbet l-allegat ħsara.

Il-Qorti tibda billi tosserva li f'azzjoni bħal din, isibu riskontru l-prinċipji ġenerali ta' dritt li jinsabu enunċjati fil-Kodiċi Ċivili taħt it-titolu ta' "*Delitti u Kwazi Delitti*", senjatament il-prinċipju li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*", enunċjat fl-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili. Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li jġib miegħu l-att dannuż tiegħu.

Madankollu, jispetta f'kull każ lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija tal-imħarrek kif ukoll il-prova li tassew ikun ġarrab id-danni.

L-artikolu 1032(1) tal-Kap. 16 jipprovdi li "*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija*", filwaqt li skont l-artikolu 1033 tal-Kap. 16 "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb illi jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta` prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos illi jagħmel xi ħaġa ill biha jikser xi dmir impost mil-Liġi, huwa obbligat għall-ħsara illi tiġri minħabba f'hekk".*

F'sentenza riċenti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Novembru 2022[10], il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-ligi generali taghna ma taghtix tifsira ta` culpa izda bhala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti" (ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142).*

*Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara - Kollez. Vol. XLII. I. 74). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz; "prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara – Kollez. Vol. XLVIII. I. 258)."*

[10] **Victor Spiteri v. John Mary Briffa**.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi hemm qbil li s-soċjeta' estera Tirrenia Navigazione S.p.A. waqfet topera r-rotta lejn Malta għall-ġarr bil-baħar tal-merkanzija lejn Malta u mhux kontestat illi riżultat ta' dan, is-soċjeta' konvenuta kellha tfittex is-servizzi ta' vettural ieħor, bil-konsegwenza ulterjuri li r-rati għall-istess servizz setgħu kienu ogħla minn dawk li kienu jiġu applikati mis-soċjeta' attriċi għall-istess servizz.

Madankollu, fil-fatti li joħorġu mix-xhieda, il-Qorti ma tirravviza ebda egħmil jew ommissjoni dannuża da parti tas-soċjeta' attriċi, wisq inqas xi ness ta' kawża u effett bejn xi egħmil dannuż, u t-telf li allegatament sofriet is-soċjeta' konvenuta b'riżultat tat-twaqqif tas-servizz offrut mill-prinċipal tas-soċjeta' attriċi.  Kif ingħad diġa', ma hemm xejn x'juri li d-deċiżjoni li titwaqqaf ir-rotta tal-ġarr tal-baħar lejn Malta ma kienetx purament tas-soċjeta' estera jew li s-soċjeta' attriċi kellha xi involviment f'din id-deċiżjoni: għall-kuntrarju, kollox juri illi din id-deċiżjoni kienet barra mill-kontroll tas-soċjeta' attriċi, tant illi minħabba s-sospensjoni tas-servizz fuq ir-rotta Catania – Malta, is-soċjeta' ma setgħetx tirrappreżenta iktar lil-linja Tirrenia bħala l-aġent lokali tagħha[11].  Lanqas ma jirriżulta b'ebda mod illi kienet is-soċjeta' attriċi li ħolqot iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom ittieħdet id-deċiżjoni għat-twaqqif tas-servizz fuq rotta lejn Malta.  Tant hu hekk, il-Qorti fehmet illi t-twaqqif tas-servizz kien ifisser telf ta' negozju għall-istess attriċi u gwadann għall-kompetituri tagħha anziche', kif jipprova jagħti x'jifhem Kevin Attard fix-xhieda tiegħu, manuvra biex tiżvantaġġja lis-soċjeta' konvenuta.

Ma ntweriex illi s-soċjeta' attriċi mxiet b'negliġenza jew nuqqas ta' prudenza fir-relazzjoni kummerċjali tagħha mas-soċjeta' konvenuta.  Fil-fatt, mhux ipprovat bi provi skjetti u oġġettivi illi s-sospensjoni tas-servizz tal-ġarr bil-baħar lejn Malta kienet prevedibbli għas-soċjeta' attriċi u jew li s-soċjeta' attriċi, konxja tal-fatt li s-soċjeta' estera kienet sejra tissospendi s-servizz, ma għarrfitx lis-soċjeta' konvenuta tempestivament u volontarjament ħallietha tibqa' taċċetta ordnijiet mingħand il-klienti tagħha għall-konsenji ta' merkanzija mill-Italja, abbażi tar-rati speċjali applikabbli

[11] Ara xhieda ta' Paul Agius.

bejniethom, bil-konsegwenza li kellha tinqeda għand il-kompetitur tas-soċjeta' attriċi bi ħlas ta' prezzijiet ogħla. Għall-Qorti din il-prova kienet indispensabbli biex turi li s-soċjeta' attriċi mxiet b'nuqqas ta' diliġenza u prudenza da parti tas-soċjeta' attriċi fl-operat u fir-relazzjoni kummerċjali tagħha mas-soċjeta' konvenuta.

Mankanti l-prova li s-soċjeta' attriċi setgħet tobsor li s-servizzi tal-linja Tirrenia lejn Malta kienu ser jitwaqqfu, il-Qorti tqis illi t-twaqqif tas-servizz kien mhux biss avveniment fortuwitu għas-soċjeta' attriċi iżda wkoll inevitabbli għall-fini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1029 tal-Kap. 16 li jipprovdi li kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara. Konformement ma' dan, jekk kien hemm xi ħsara konsegwenzali għal terzi b'effett tad-deċiżjoni tat-twaqqif tas-servizz.

Is-soċjeta' konvenuta tasserixxi li s-servizz ġie mwaqqaf "*ħesrem*"[12] iżda din l-allegazzjoni ma ssib ebda sostenn fil-provi u fir-rigward, is-soċjeta' konvenuta straħet biss fuq ix-xhieda pjuttost ġenerika tad-direttur tagħha, meta ma jirriżultax li kienet impedita milli tressaq provi ulterjuri biex tissostanzja l-verżjoni tiegħu, lanqas meta ġiet affrontata biċ-ċaħda tas-soċjeta' attriċi tal-allegazzjoni li ma kienetx ħadet ħsieb li tgħarraf lis-soċjeta' konvenuta tempestivament bis-sospensjoni prospettiva. Il-Qorti tqis illi kien jispetta lis-soċjeta' konvenuta, biex tikkonforta t-teżi tagħha li s-soċjeta' attriċi aġixxiet b'nuqqas ta' prudenza u kompetenza fl-operat tagħha, iġġib ukoll, addizzjonalment, prova tal-ordnijiet li kienet ħadet mingħand klienti tagħha bl-applikazzjoni tar-rati applikabbli kif miftiehem mas-soċjeta' attriċi, u l-prova li għal dawn l-istess konsenji hija kellha tqabbad fornitur ieħor għall-ġarr bil-baħar tal-merkanzija u tħallas rati ogħla minn dawk b'konsegwenti telf fil-qligħ tagħha.

Fuq kollox u fi kwalsiasi każ, is-soċjeta' konvenuta naqset milli tipprova kif imiss id-danni u t-telf allegatament soffert minħabba s-sospensjoni tas-servizz offrut mis-

[12] Ara paragrafu 3 tar-Risposta, paġna 7 tal-atti tal-kawża.

soċjeta' attriċi: id-direttur tas-soċjeta' konvenuta fl-ebda waqt ma xehed dwar il-*quantum* tat-telf allegatament soffert b'riżultat tat-twaqqif tas-servizzi tas-soċjeta' attriċi bħala aġent tal-linja Tirrenia, u ma għamel ebda aċċenn għas-somma ta' €8,500 li ġiet mitluba fit-talba rikonvenzjonali in linea tad-danni ossia telf u kif dan it-telf ġie komputat u kwantifikat.

Anke jekk għal mument kelli jiġi aċċettat it-teżi tas-soċjeta' konvenuta li soffriet telf għaliex kellha tħallas rati ogħla għas-servizz li qabel kienet tipprovdilha s-soċjeta' attriċi, hija l-fehma tal-Qorti illi ma ġiex ippruvat li dan it-telf hu attribwibbli lil xi egħmil tas-soċjeta' attriċi imwettaq b'nuqqas ta' ta' prudenza, diligenza u ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija u b'mod speċifiku, ma jirrizultax xi ħtija da parti tagħha għal dak li ghandu x'jaqsam mat-twaqqif tas-servizz.

Għalhekk, mankanti l-prova li l-att dannuż seħħ bi ħtija tas-soċjeta' attriċi, hija ma tistax tkun obbligata għall-ħsara lamentata mis-soċjeta' konvenuta u mankanti wkoll il-prova tal-ħsara, ma tistax lanqas tkun ikkundannata twieġeb għal xi ħsara.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi, fir-rigward tat-talba prinċipali fir-Rikors tas-soċjeta' attriċi:-**

**Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha fir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talba ta' S. MIFSUD & SONS LIMITED u tikkundanna lil CUSTOMS AND FREIGHT AGENCY LIMITED tħallasha s-somma ta' disat elef, disa' mija u disgħa u disgħin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€9,999.99) bl-imgħax mid-data ta' kull fattura, u bl-ispejjeż tbatihom is-soċjeta' konvenuta;**

**u**

**Fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha fir-Risposta tas-soċjeta' attriċi**

**rikonvenzjonata, tiċħad it-talbiet kollha rikonvenzjonali bl-ispejjeż jitħallsu minn CUSTOMS AND FREIGHT AGENCY LIMITED.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**